**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Gunju, 2017

Rikors Nru : 110/17 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti iżżewġu f'Malta fl-10 ta' Novembru, 2000 (Dok. A);
2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat fl-1 ta' Awwissu 2005, fl-atti tan-Nutar Dr. Liza Schembri (Dok. B);
3. Illi ghalhekk il-kontendenti ilhom aktar minn hdax-il sena separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

4. Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar il-manteniment;
5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata;

Talab prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega, li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Novembru 2000;

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jirregistra divorzju u/jew hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Marzu 2017;

Semghet lill-intimata, prezenti fl-awla, tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta' Awissu 2005;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.